

Brussell, 17 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16984/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0425 (NLE)**

**ECOFIN 1771
UEM 643
FIN 1571
ECB
EIB**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|-------------------|--|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 17 ta' Diċembru 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2025) 787 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-4 ta' Ottubru 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għan-Netherlands |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 787 final.

Mehmuż: COM(2025) 787 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.12.2025
COM(2025) 787 final

2025/0425 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-4 ta' Ottubru 2022 dwar l-
approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għan-Netherlands**

{SWD(2025) 427 final}

2025/0425 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-4 ta' Ottubru 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għan-Netherlands

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reziljenza¹, u b' mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (recovery and resilience plan, "RRP") min-Netherlands fit-8 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fl-4 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni ("id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022")². Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ottubru 2023³, tal-5 ta' Novembru 2024⁴ u tat-13 ta' Mejju 2025⁵.
- (2) Fit-13 ta' Novembru 2025, in-Netherlands għamlu talba motivata lill-Kummissjoni biex jagħmlu proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta' dan, in-Netherlands ppreżentaw RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati min-Netherlands minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 34 miżura.
- (4) In-Netherlands spjegaw li miżura waħda parzjalment ma għadhiex tista' tinkiseb fil-perjodu ta' żmien tal-RRF, minħabba taħlita ta' sfidi tekniċi u dewmien fil-provvista tat-tagħmir. Dan jikkonċerna C2.2 I3 Stazzjonijiet intelliġenti mal-ġenb tat-triq

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

² ST 12275/22 INIT; ST 12275/22 ADD 1.

³ ST 13613/23 INIT; ST 13613/23 REV 1 (en); ST 13613/23 ADD 1 REV 1.

⁴ ST 13789/24 INIT; ST 13789/24 ADD 1 REV 1.

⁵ ST 8132/25 INIT; ST 8132/25 ADD 1.

(iWKS). Abbażi ta' dan, in-Netherlands talbu li din il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (5) In-Netherlands spjegaw li żewġ miżuri parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu, minħabba żidiet mhux previsti fil-prezzijiet. Dan jikkonċerna C1.1 I1 Enerġija eolika lil hinn mill-kosta u C3.1 I1 L-isfruttar ta' proġetti ġodda ta' kostruzzjoni. Abbażi ta' dan, in-Netherlands talbu li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (6) In-Netherlands spjegaw li miżura waħda parzjalment ma għadhiex tista' tinkiseb, minħabba nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u avvanzji rapidi mhux mistennija fis-settur tal-IA li żiedu d-domandi fuq il-persunal. Dan jikkonċerna C4.2 I1 National Education Lab AI. Abbażi ta' dan, in-Netherlands talbu li din il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (7) In-Netherlands spjegaw li ġew emendati tliet miżuri biex tiġi implimentata alternattiva aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tagħhom. Dan jikkonċerna C3.1 R3 Ippjanar ċentralizzat biex tiżdied il-provvista tad-djar, C8 R1 Pakkett ta' riforma tas-suq tal-enerġija, u C4.1 R4 L-indirizzar tal-impjiegi indipendenti fittizji. Abbażi ta' dan, in-Netherlands talbu li jiġu emendati l-miżuri msemmija hawn fuq. Peress li daww iċ-ċirkostanzi jiġġustifikaw emenda tal-miżuri, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 tiġi emendata kif xieraq.
- (8) In-Netherlands spjegaw li ġew emendati 23 miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u li tiġi ssimplifikata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġettivi ta' daww il-miżuri. Dan jikkonċerna C1.1 R1 Riforma tat-tassazzjoni fuq l-enerġija, C1.1 R4 Riforma tat-tassazzjoni fuq il-vetturi, C1.1 R5 Liġi dwar l-Enerġija, C1.1 I2 Enerġija ekoloġika tal-idroġenu, C1.1 I3 Tranżizzjoni tal-enerġija fil-passaġġi fuq l-ilma interni, proġett Servizzi ta' Emissjonijiet Żero (ZES), C1.1 I4 Avjazzjoni fi tranżizzjoni, C1.2 I1 Programm tan-natura, C2.1 I1 Delta Kwantistika NL, C2.1 I2 Komunitajiet ta' apprendiment dwar il-ħtieġa u l-applikazzjoni tal-IA, C2.1 I3 Impuls tal-edukazzjoni diġitali, C2.1 I4 Loġistika tal-infrastruttura diġitali, C2.2 I1 Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS), C2.2 I2 Mobbiltà sikura, intelliġenti u sostenibbli, C2.3 R1 Ġestjoni tal-informazzjoni pubblika (Att dwar il-Gvern Miftuħ), C2.3 I1 Tiġdid tal-infrastruttura tal-IT fil-Ministeru tad-Difiża, C3.2 I1 Skema ta' sussidju għas-sostenibbiltà tal-proprjetà immobbli tas-settur pubbliku, C4.1 R2 Assigurazzjoni tad-diżabbiltà għall-persuni li jaħdmu għal rashom, C4.1 R3 Riforma tat-tieni pilastru tas-sistema tal-pensjonijiet, C4.1 I1 In-Netherlands qed ikompli jitgħallmu, C4.1 I3 Baġit għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid għall-persuni qiegħda, C5.1 I1 Kapaċità temporanja ta' riżorsi umani addizzjonali għall-kura fi żminijiet ta' kriżi, C6.1 R1 Politika tat-taxxa Netherlandiża, C6.2 R6 Politika kontra l-ħasil tal-flus. Abbażi ta' dan, in-Netherlands talbu li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (9) Wara t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, in-Netherlands talbu li jużaw ir-riżorsi lliberati mit-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni tagħhom biex iżidu żewġ miżuri u jżidu l-livell ta' implimentazzjoni ta' żewġ miżuri. Dan jikkonċerna C1.1 I5 Skema ta' sussidju

għall-vetturi elettriċi personali (SEPP), C1.1 I6 AanZET, Sussidju għall-investiment għall-enerġija sostenibbli u l-iffrankar tal-enerġija (C3.2 I2 u C.8 I1). Abbażi ta' dan, in-Netherlands talbu li jiżdiedu żewġ investimenti ġodda (C1.1 I5 Skema ta' sussidju għall-vetturi elettriċi personali (SEPP), C1.1 I6 AanZET) u talbu li jiżdied il-livell ta' implimentazzjoni ta' żewġ miżuri (C3.2 I2 u C.8 I1). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri

- (10) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi emendata biex tqis l-emendi għall-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata min-Netherlands.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (11) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (12) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u mal-Anness V, il-kriterju 2.4, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura (klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inklużi fl-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”).
- (13) L-RRP emendat jivvaluta l-konformità mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont il-metodoloġija stabbilita fil-gwida teknika pprovduta fl-Avviż tal-Kummissjoni “Gwida teknika dwar l-applikazzjoni ta' “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza”⁷. Il-valutazzjoni ssir b'mod sistematiku għal kull riforma u investiment ġodda skont l-approċċ f'żewġ stadji. Il-valutazzjoni tikkonkludi li għall-miżuri l-ġodda kollha, ma hemm l-ebda riskju ta' ħsara sinifikanti. Dan jinkludi żewġ investimenti li jissussidjaw vetturi elettriċi u b'emissjonijiet zero, li jikkonformaw mal-gwida teknika “la tagħmilx ħsara sinifikanti”. L-investimenti u r-riformi modifikati huma vvalutati bħala konformi mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta, jista' jiġi konkluż li l-ebda miżura ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.

Kontribut għall-objettivi tar-REPowerEU

- (14) F'konformità mal-Artikolu 19(3) (da) u mal-Anness V, il-kriterju 2.12 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-bieċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew it-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2020/852/oj/eng>).

⁷ Avviż tal-Kummissjoni — Gwida teknika dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont ir-Regolament C/2023/6454 dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU C, C/2023/111, 11.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/111/oj>)

- (15) In-Netherlands talbu tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni ta' ċerti miżuri u li jużaw ir-riżorsi lliberati biex iżidu l-livell ta' implimentazzjoni tal-Miżura C8 II Sussidju għall-investiment għall-enerġija sostenibbli u l-iffrankar tal-enerġija, u b'hekk iżidu r-riżorsi allokatu għall-Kapitolu REPowerEU u jikkontribwixxu aktar għall-objettivi tar-REPowerEU, b'mod partikolari t-titjib tal-effiċjenza enerġetika u l-aċċellerazzjoni tal-użu tal-enerġija rinnovabbli.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (16) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-Anness V, il-kriterju 2.5, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-objettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 54,3 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP emendat u 100 % tal-kostijiet stmati totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.
- (17) In-Netherlands talbu tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni ta' ċerti miżuri u li jużaw ir-riżorsi lliberati biex iżidu żewġ miżuri ġodda, jiġifieri C1.1 I5 Skema ta' sussidju għall-vetturi elettriċi personali (SEPP) u C1.1 I6 AanZET, kif ukoll iż-żieda fil-livell ta' implimentazzjoni ta' C3.2 I2 Sussidju għall-investiment għall-enerġija sostenibbli u l-iffrankar tal-enerġija. Minkejja li ż-żewġ investimenti l-ġodda qed jiġu vvalutati bħala li jikkontribwixxu għall-objettivi klimatiċi, dawn il-bidliet jammontaw għal bidla negattiva żgħira fil-kontribut tal-RRP emendat għat-tranżizzjoni ekoloġika. Il-miżuri fl-RRP emendat ikomplew jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni ekoloġika.
- (18) Il-miżura C1.1 I5 Skema ta' sussidju għall-vetturi elettriċi personali (SEPP) tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-individwi għax-xiri jew il-kiri ta' vetturi elettriċi personali, u tikkontribwixxi għat-tnaqqis fl-emissjonijiet. Dan l-appoġġ finanzjarju huwa mistenni li jstimula u jaċċellera l-mobbiltà ekoloġika. L-investiment huwa mistenni li jkollu impatt dejjiemi minħabba l-lonġevità tal-vetturi sussidjati u l-impatt fit-tul tagħhom fuq l-emissjonijiet.
- (19) Il-miżura C1.1 I6 AanZET tipprovdi appoġġ finanzjarju għax-xiri ta' trakkijiet b'emissjonijiet zero. Dan l-appoġġ finanzjarju huwa mistenni li jaċċellera l-adozzjoni ta' trakkijiet elettriċi, u jikkontribwixxi għal tnaqqis fl-emissjonijiet. L-investiment huwa mistenni li jkollu impatt dejjiemi minħabba l-lonġevità tat-trakkijiet sussidjati u l-impatt fit-tul tagħhom fuq l-emissjonijiet.
- (20) Fl-aħħar nett, il-miżura C3.2 I2 Sussidju għall-investiment għall-enerġija sostenibbli u l-iffrankar tal-enerġija tipprovdi lill-unitajiet domestiċi b'sussidji għal diversi interventi biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika fl-ambjent mibni. Dawn l-interventi huma mistennija li jnaqqsu d-domanda għall-enerġija u jikkontribwixxu għall-eletrifikazzjoni tal-ġenerazzjoni tas-sħana, u b'hekk jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tal-ġenerazzjoni tal-enerġija Netherlandiża u l-użu tal-enerġija rinnovabbli. L-investiment huwa mistenni li jkollu impatt dejjiemi minħabba l-lonġevità tal-installazzjonijiet sussidjati u l-impatt fit-tul tagħhom fuq id-domanda għall-enerġija.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (21) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-Anness V, il-kriterju 2.6, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 28,3 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.

Kostijiet

- (22) F'konformità mal-Artikolu 19(3), u l-kriterju 2.9 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP hija moderament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (23) L-informazzjoni dwar il-kostijiet ipprovduta min-Netherlands għall-RRP emendat hija dettaljata u sostanzjata sew. Barra minn hekk, in-Netherlands ippreżentaw dokumenti separati, inklużi deskrizzjonijiet aktar elaborati tal-metodoloġija sottostanti għall-kalkoli tal-kostijiet u spjegazzjonijiet ta' kif il-proġetti tal-passat huma relatati mal-istimi tal-kostijiet tal-miżuri emendati bħala dokumentazzjoni, kif ukoll dwar l-addizzjonalità tal-finanzjament tal-UE fejn applikabbli. Il-valutazzjoni tal-istimi tal-kostijiet u tal-informazzjoni ta' sostenn turi li l-maġġoranza tal-kostijiet tal-miżuri emendati u ġodda huma ġġustifikati sew, raġonevoli u plawżibbli, u ma jinkludux kostijiet koperti minn finanzjament eżistenti jew ippjanat tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, l-ammont tal-kostijiet totali stmat tal-RRP huwa f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni. Għalhekk, hija ġġustifikata klassifikazzjoni B għall-RRP emendat.

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

- (24) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (j), u mal-Anness V, il-kriterju 2.10, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP emendat huma adegwati (Klassifikazzjoni A) sabiex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi pprovduti skont dak ir-Regolament, u l-arranġamenti huma mistennija li jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u programmi oħrajn tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u ta' għodod oħra għall-promozzjoni u għall-infurzar tal-konformità mal-liġi tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸.
- (25) Mill-valutazzjoni preċedenti, il-Kummissjoni kellha aċċess għal informazzjoni dwar l-implimentazzjoni attwali tas-sistema Netherlandiża ta' verifika u kontroll.
- (26) Fid-dawl ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni tqis li s-sistema ta' kontroll intern tal-RRP Netherlandiż hija ġeneralment adegwata. L-RRP modifikat jinkludi aġġornament tas-sistema ta' kontroll fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-

⁸ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433, I, 22.12.2020, p. 1, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2020/2092/oj/eng>).

korrezzjoni tal-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi taħt l-RRF. Dan jinkludi aġġornament għall-metodoloġija għal kontrolli ex post ibbażati fuq ir-riskju dwar il-kunflitti ta' interess, b'mod partikolari l-proċedura għall-kontroverifika tal-kunflitti ta' interess bl-użu ta' sorsi ta' data affidabbli. Proċeduri oħra relatati mal-kunflitti ta' interess u, b'mod aktar ġenerali l-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni, jibqgħu fis-seħħ u jitqiesu adegwati u robusti.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (27) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa min-Netherlands ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għan-Netherlands rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (db), (g), (h), u (k).

Miżuri li jappoġġaw operazzjonijiet ta' investiment li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP)

- (28) F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP)⁹, in-Netherlands qiesu bħala kwistjoni ta' prijorità proġetti li ngħataw Siġill tas-Sovranità skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2024/795. Madankollu, in-Netherlands qiesu li l-ebda proġett li ngħata Siġill tas-Sovranità ma kellu jiġi inkluż fl-RRP emendat minħabba l-ammont limitat ta' finanzjament għal kull proġett u l-isfidi biex tiġi żgurata l-fattibilità fil-perjodu ta' żmien tal-RRF.

Valutazzjoni pożittiva

- (29) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (30) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat tan-Netherlands huma ta' EUR 5 443 185 601. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għan-Netherlands, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰, u mal-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija allokata għall-RRP emendat

⁹ Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 (ĠU L, 2024/795, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/795/oj>)

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

tan-Netherlands jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 5 441 423 046. Għalhekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għan-Netherlands tibqa' l-istess.

- (31) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 jiġi sostitwit kompletament.
- (32) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura marbuta mal-ġoti ta' fondi tal-Unjoni skont kull programm ieħor tal-Unjoni ħlief il-Faċilità jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma tirkibx fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat tan-Netherlands fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

Artikolu 2

Emendi

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għan-Netherlands hija emendata kif ġej:

l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għan-Netherlands huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tan-Netherlands.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President